# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-9 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 231/2018**

**Fl-atti tal-Mandat t'inibizzjoni**
**fl-ismijiet:**

**Lydon Naudi**
**(K.I. 212985 M)**

**vs.**

***Dolittle & Fishmore Limited***
**(C – 79128)**

**Jan Erik Pantzar**
**(K.I. 110505 A)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat id-9 ta’ Frar, 2018, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 5), li permezz tieghu:

2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

2.2. Akkoljiet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

2.3. Appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat ir-risposta datata t-13 ta’ Frar, 2018, (ara foll 8);

Ikkunsidrat:

4.0. Illi in vista tal-fatt li l-iskop ta’ tali mandat hu dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tkun ta’ pregudizzju lill-parti li titlob il-hrug ta’ tali mandat, isiru s-segwenti premessi:

4.1. Illi hu statutorjament doveruz li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg qabel ma jkun jista` jinghata dak li jkun qed jitlob permezz tar-rikors *de quo*, senjatament:

4.1.1. Illi l-mandat rikjest hu mehtieg biex jitharsu d-drittijiet minnu vantati tant, li jekk il-mandat mitlub ma jinharigx ir-rikorrenti jsofri pregudizzju;

4.1.2. Illi r-rikorrenti jkun jidher li *prima facie* ghandu dawk id-drittijiet li hu jirreferi ghalihom fl-istess rikors minnu intavolat;

4.2. Illi z-zewg (2) rekwiziti hawn elenkati huma ta’ natura kumulattiva u mhumiex alternattivi ghal xulxin;

4.3. Illi allura, jekk wiehed mill-fuq imsemmija rekwiziti ma jirrizultawx, il-qorti ghandha tirrespingi t-talba ghall-hrug ta’ dan il-mandat;

4.4. Illi *di piu`*, l-istess rekwiziti huma kriterji ta' natura oggettiva, u konsegwentement, fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg dan il-mandat, il-qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva, *molto piu`* meta f'dan l-istadju, l-pretensjoni li tkun qed tigi ezaminata ma tkunx giet guridikament accertata u stabilita;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi fir-rigward tal-ewwel (1) eccezzjoni tal-intimati, (ara foll 8), jinghad sintetikament is-segwenti:

5.1. Illi ssir referenza ghad-decizjoni tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-atti ta' Mandat ta' Sekwestru Nru. 1851/2012, fl-ismijiet ***Idea Casa Company Limited* vs. Allan Magro**, datata t-**8 t'Ottubru, 2015**, fejn fir-rigward gie ritenut is-segwenti:

> "Permezz tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-legizlatur iddecieda illi fejn tkun diga` gietipprezentata l-kawza fil-mertu, hija l-qorti li tkun qed tisma' l-kawza dik kompetenti u idonea sabiex tittratta rikorsi fejn tintalab ir-revoka ta' mandati kawtelatorji";

5.2. Illi pero` jigi osservat li dan l-artiklu riprodott fil-paragrafu precedenti li fuqu qed jistriehu l-intimati jirreferi ghall-kontro-mandati – u mhux bhal fil-kaz odjern fejn *si tratta* ghal talba ghal hrug ta' mandat *sic et simpliciter*;

5.3. Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimati ma tistax tigi akkolta *stante* li l-imsemmi artiklu 836 tal-Kap 12 hu limitat espressament ghal talba ghall-hrug ta' kontro-mandat – senjatament ghal talba ta' revoka ta' mandat li gia` jkun mahrug – u mhux bhal kaz in dizamina fejn *si tratta* ta' talba ghall-hrug ta' mandat specifiku;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi fir-rigward tat-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-intimati, (ara foll 8), jinghad sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi ssir referenza ghad-digriet tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni fl-ismijiet ***STC Training Limited*** vs. **Patrick Pullicino** datat l-**11 ta' Gunju, 2015**, li rriteniet li:

> "Ghalkemm il-formola li adoperat is-socjeta` rikorrenti sabiex titlob il-hrug tal-Mandat hi dik generika li solitament tintuza meta t-talba tkun qeghda ssir bis-sahha tal-artiklu 873 tal-Kap 12, hu evidenti, kemm mill-impostazzjoni u min-natura tat-talba, kemm mill-indikazzjoni tal-ammont pretiz, izda fuq kollox bit-talba ghall-hatra ta' nutar pubbliku fil-kaz li tkun milqugha t-talba, illi t-talba qeghda ssir abbazi tal-artiklu 874(1) tal-Kap 12";

6.2. Illi *di piu`*, tenut kont in-natura tat-talba minnu inoltrata, tosserva li r-rikorrenti kien tenut juza l-formola generika appozita;

6.3. Illi pero` jekk l-istess rikorrenti qed jitlob l-intervent tal-qorti a bazi tal-artiklu 874(1) tal-Kap 12, dan kellu juza l-formola mahluqa appozitament ghall-istess kaz;

6.4. Illi jigi sottolineat li bl-uzu tal-formula korretta jigi evitat disgwid inutili ghal kull parti involuta, specjalment ghall-kontro-parti;

6.5. Illi *nonostante* is-*suespost* din il-qorti mhix qed issosstni li l-uzu tal-formola zbaljata sejjer iggib in-nullita` tal-procedura odjerna, ghaliex la t-talba hi ben identifikata, l-qorti obbligata tikkoncentra fuq is-sustanza tal-vertenza u mhux fuq il-forma;

6.6. Illi ghalhekk, anke din it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-intimati ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi fir-rigward tat-tielet (3) eccezzjoni sollevata mill-intimati, (ara foll 8) jinghad sintetikament is-segwenti:

7.1. Illi ssir qabel xejn referenza ghall-artiklu 832 tal-Kap 12 li jistipula s-segwenti:

> "Meta l-jedd li wiehed irid iqieghed fiz-zgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi hlas ta' somma flus, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-gurament imsemmija fl-ahhar artikolu qabel dan, ghandu jghid kemm hija bejn wiehed u iehor, fil-fehma tieghu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tieghu, u jekk tkun giet prezentata kawza fil-qorti, dik it-talba tista' tispecifika u tinkludi l-ispejjez gudizzjarji, taht piena tan-nullita` tal-mandat";

7.2. Illi l-artiklu riferit fil-paragrafu precedenti jiffoka fuq in-nullita` tassattiva tar-rikors;

7.3. Illi jigi osservat li minn ezami akkurat tar-rikors guramentat promotur jirrizulta li r-rikorrenti m'inkludiex ammont likwidat, lanqas wiehed approsimattiv, *in linea* mas-suespost;

7.4. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-providiment moghti mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni fl-ismijiet ***MBR Publications Limited*** vs. ***Yachting Malta Limited***, datat iz-**17 ta' Frar, 2017**;

> "Ikkonsidrat li n-nullita` sancita bl-artiklolu 832 tal-Kap 12 hi wahda assoluta u tassattiva billi l-istess ligi timponi s-sanzjoni ta' nullita` jekk ebda ammont approssimattiv ma jigi indikat bhala kreditu dovut. Dan l-artiklu hu wiehed mill-ftit li jsemmi din il-konsegwenza espressament u n-nullita` hi wahda assoluta";

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti ma tistax takkolji t-talba tar-rikorrenti *stante* li fid-dawl ta' dak ritenut aktar qabel, ir-rikors guramentat promotur hu effettivament null fit-termini tal-artiklu 832 tal-Kap 12 billi ma jissodisfax ir-rekwiziti rikjesti sostanzjalment biex ikun jista' legittimament jinhareg il-mandat t'inibizzjoni rikjest, u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

8.2. Tirrevoka ghalhekk *contrario imperio* id-digriet provizorju precedenti taghha datat id-9 ta' Frar, 2018;

8.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**